MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Numru. 705/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**(Sp. Denise Mula)**

**v**

**Ali Abid El Moaty Mohammed El Madbouly**
**ta' 42 sena imwieled 21 ta' Lulju, 1960,**
**f'El Gharbia, iben Abdul Moaty u Saad Mohsen,**
**residenti Casablanca Hay Alshabab ghajn Alchouk,**
**Blk 24, Flat 3, detentur ta' passaport Egizzjan**
**1384117 mahrug fit-12 ta' Ottubru, 2000 Tanta u**
**validu sal-11 ta' Ottubru, 2007.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza fejn l-hawn fuq imsemmi Ali Abd El Moaty Mahmoud El Madbouly gie akkuat talli
(a) fit-22 ta' Awissu, 2002, u matul il-granet ta' qabel din id-data assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra, f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-gzejjer ir-raza tal-cannabis, kontra d-dispozizzjonijiet tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwew organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1)(f) tal-istess kap.
(b) Importa jew gab f'Malta raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis, u dan bi ksur ta' l-artikolu 7 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(c) Talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-janta tal-cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Liema droga instabet f'tali cirkostqanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
(d) U aktar talli kellu fil-pusses tieghu tlett passaporti u jew irceva dawn it-tliet passaporti minn persuna ohra u dan bi ksur tal-Kap 61 artikolu 3 (a)(b) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment miltuba li barra li tapplika l-piena, stabilita mil-ligi, tordna lill-imptuat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kontro ordni ta' l-Avukat Generali fejn gie deciz illli din il-kawza ghandha tigi deciza minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat.

Illi din il-kawza tirrivolvi primarjament dwar jekk l-akkuzat kellux o meno il-konnoxxenza tal-kontenut tad-droga, raza

tal-kannabis gewwa l-frame li hu mporta mieghu meta wasal hawn Malta.

Jirrizulta mill-provi illi l-akkuzat wasal hawn Malta bl-iskop li jirranga visa ghall-Italja ghal tliet Marokkini li fil-fatt taghhom hu kellu l-passaporti fil-pussess tieghu. Gara li fil-fatt hu gie mwaqqaf milli jidhol gewwa Malta la minhabba l-passaporti li ma f'dan l-istadju ta' meta gie mwaqqaf mill-immigartion kienu ghadhom  mhux in kwistjoni u wisq anqas minhabba l-famuza stampa. Jidher li hu gie mizmum milli jidhol f'Malta, dan kif xehed Joseph Mifsud Tomasi gialadarba jidher li kellu l-visa tieghu smudged. Fil-fatt PS 1143 xehed li hu kien qed jiccekkja l-passiggieri tat-titjira li kienet waslet minn Casablanca, wasal Egizzjan li kellu jitlaq minn Malta wara hmistax il-gurnata u kellu fuqu biss is-somma ta' erba' mitt dollaru. Ra wkoll li ma kellux visa valida biex jerga' jmur Casablanca. Kien dan il-fatt tal-flus li pero'  gieghel primarjament lil dan is-surgent li ma jhallix lil dan il-barrani li jidhol Malta ghax irraguna li ma kienx se jkollu bizzejjed flus biex jikri lukanda jghix u sussegwentement jirritorna lejn pajjizu.  Xehed dan l-ufficcjal li mieghu dan il-barrani kellu kemm bagalji kif ukoll inkwatru. Ikkonferma wkoll li kien dan l-Egizzjan li qallu li dak l-inkwatru li issa ghadda f'idejn id-dwana,  kien gie moghti lilu minn persuna Marokkina biex jaghtih lil xi persuna li ghandha lukanda. hawn Malta, persuna li aktar tard mill-provi rrizultat li hi Sidney Zammit propjetarju tat-Taormina Guesthouse.

Senjalament PC 1143 xehed ukoll illi Marrokin iehor mizmum ma' l-akkuzat l-ghada telaq fis-sens li ntbaghat lura lejn il-Marokk pero' l-akkuzat irrifjuta li jitlaq ghaliex ried li jidhol Malta. Tali fatt pero' jidher li dan il-kuntistabbli sar jafu minghand terzi, pero' jikkorobora dak li qal aktar tard l-istess akkuzat li ghalkemm gie moghti l-fakolta' li jitlaq minn Mallta fuq titjiriet ohra huwa ghazel li jibqa' gimgha hawn biex juza r-return ticket tieghu.

Certament pero' huwa zgur li l-akkuzat baqa mizmum l-ajruport u ma ntbaghatx ma' persuni ohra l-ghada tal-wasla tieghu tant li xehed  AC Seychell li qal li hu gie infumat fis-26  ta' Awwissu, ghalhekk erbat'ijiem wara il-

wasla ta’ l-akkuzat f’Malta, li kien hemm persuna mizmuma gewwa l-ajruport li kellha pittura li go fiha kellha xi droga. Ghalhekk l-Assistent Kummissarju nizel l-ajruport fejn personalment eskorta lill- akkuzat hdejn fejn kienet mizmuma din il-pittura li giet identifikata mill-istess akkuzat. Kien l-istess akkuzat li ntalab li jipprova jiftah il-frame u gie moghti d-debita ghodda ghal dan l-iskop. Pero’ ma rrnexxilux.. Kien ghalhekk li wara attentati ohra fl-ahhar giet uzata X-Ray machine li wara li ghaddew minnha l-istess pittura rrizulta li fil-frame taghha kien hemm mohbija jew ahjar imqeghda ghaxar pakketti, vide Dok AS a fol 16. Xehed ghalhekk l-Ispettur Norbert Ciappara li gie msejjah fuq il-post mill-Assistent Kummisssarju Seychell. Ciappara qal li hu kien ra fil-prezenza ta’ l-imputat frame li kellu gia bicca minnu miksura li kien jidher li fih kien hemm pakkett imgezwer go tape. Minn gol-frame gew rekuperati ghaxar pakketti ta’ sustanza suspettatat raza tal-cannabis.

Kien ghalhekk li Ciappara pproceda li jiehu stqarrija ta’ l-akkuzat gia esebita bhala Dok NC5. L-istess Madbouly stqarr li xoghlu kien dak ta’ businessman f’negozju tal-familja li jinnegozja f’affarijiet rigwardanti trobbija ta’ l-annimali.. Qal li hu kien gie Malta biex jakkwista visa Taljana ghalih u ghal dawk il-persuni, tlieta, li taghhom kien qed igorr il-passaport. Qal li kien qed igorr ukoll frame li kien tahulu Mr Sami ghal Hotel li tinsab ukoll imsemmija fl-ittra ta’ referenza li tah l-istess Sami esebita bhala dok NC. Din l-ittra hija fil-fatt miktuba fuq letter head ta’ S&H Trading. Qal ukoll li l-visa li semma kellu jgibhomlu jew ahjar jaghmilhomlu Mr Sydney tal-Hotel. Zied li hu kien irceva struzzjonijiet minghand Sami El Mazsry li kellu jhalli kemm il-passaporti kif ukoll il-frame ma’ Mr Sydney u jghidlu li l-frame kien ta’ El Masry u li Sydney kellu jzommulu. Qal ukoll li ta’ dan hu kellu jircevi s-somma ta’ hames mitt dollaru ghal kull visa, kellu jiehu wkoll visa ohra ghalih.

Dwar ir-raza tal-kannabis stqarr li ma kien jaf b’xejn tant li kien anke sorpriz meta nstabet. Qal ukoll li kien jaf li tal-visi kellhom ihallsu lil El Masry elfejn dollaru l wiehed.

L-akkuzat fl-ahhar ta’ l-istqarrija zied jghid illi hu kien baqa’ mizmum (go l-ajruport) ghal erbat’ijiem u kellu opportunita’ u gie mistoqsi kemm- il darba jekk riedx imur il-Libja jew l-Egittu jew Tunez, pero’ hu ghazel li jibqa’ hawn Malta, ghalhekk zied li kieku kien jaf illi kien qed jaghmel xihaga hazina kien fil-fatt jitlaq ma’ l-ewwel titjira.

Viva voce xehed li xoghlu kien li jmexxi kafetterija fil-Marrokk waqt li fl-Egittu kien involut fit-trobbija ta’ l-annimali. Spjega kif sar hbieb ma’ Masri kif ukoll li dana Masri kien jirranga biex nies Marokkini jmorru jahdmu gewwa l-Italja. Fil-fatt l-akkuzat sab anke xi ghaxra min-nies li versu l-prezz ta’ hamest’elef dollaru Amerikan kienu se jinghataw visa minn Masri biex mill-Marokk imorru jahdmu l-Italja. Fil-fatt minhabba ragunijiet ta’ sahha ta’ l-istess Masri, kellu jigi l-akkuzat hawn Malta biex jirranga dawn il-visas. Kien Masri li rrangalu l-lukanda fejn kien se joqghod hawn Malta. Zied ukoll li ghalih kienet l-ewwel darba li kien gie Malta u li hawn ma kien jaf lil hadd. Masri qal ukoll lill-akkuzat li kif jasal it-Taormina Hotel hu kellu jaghti lil Sydney il-passaporti li kellu fuqu inkwantu dan kien jaf x’ghandu jaghmel u lil min kellu jghaddihom. Xehed ukoll l-akkuzat li dik il-gurnata li kellu jsiefer mar ghandu Masri u tah frame li kellu jgorrlu sa Malta u jhalli ghand Sydney. Kellu jghid lil Sydney biex jerfaghulu sakemm jasal Malta l-istess Masri. Fil-fatt zied jghid li Masri kien talbu jgorrlu dan il-frame ghax ghalih kien tqil. L-akkuzat anke xehed li dan Masri sahansitra kien ibati minn kundizzjoni fil-qalb li l-akkuzat iddeskriva bhala heart attack.

Spjega wkoll li kien Masri li tah parir li Malta ma jgibx hafna flus u li ma jixtri xejn minn hawn in kwantu kien kollox gholi. Kien ghalhekk fuq parir ta’ l-istess li hu kien gie Malta bis-somma biss ta’ hames mitt dollaru amerikani. Kienet fil-fatt din is-somma baxxa li nduciet lill-ufficcjali ta’ l-immigration li jzommu l-permess tad-dhul lill-akkuzat fuq il-pretest li ma kellux bizzejjed flus biex jghix hawn Malta, tenut kont tal-fatt li ried anke jhallas il-

lukanda. Madbouly gie ghalhekk eskortat u mizmum go kamra gewwa l-ajruport. Qabel pero' gabar il-bagalja tieghu u l-frame li nghadda mill-ewwel X Ray machine u gew cleared, oltre hekk l-istess frame inhareg mill-inkartament tieghu, gie ccekkjat u mbaghad gie mizmum mill-ufficjali tad-dwana f'eventwalita' li l-akkuzat jinghata permess jidhol Malta vide dok AS1 fol 17.

Minn hawn l'hemm rega' ttiehed go kamra kbira. Hawn bdew joffrulu li jitlaq lura billi jmur lejn Tunez pero' hu rraguna li darba li kellu return ticket kellu jibqa' jistenna l-flight tieghu lejn il-Marokk, li per parentesi kienet darba fil-gimgha. Offrewlu li seta' jitlaq qabel billi jmur lejn il-Libja u anke l-Egittu, pero' hu spjega li darba li l-familja tieghu kienet tinsab gewwa l-Marokk kien hemm li ried jirritorna. Ghalhekk l-akkuzat qatta' l-Hamis, il-Gimgha, is-Sibt il-Hadd u t-Tnejn go din il-kamra jistenna l-gurnata tat-titjira lura tieghu lejn il-Marokk. Gara li fil-gurnata tat-Tnejn gie pulizija li talbu xi karta, presumibilment l-ircevuta tad-dwana gia imsemmija. Gie mitlub jidentifika l-frame tieghu fejn gie nfurmat li fl-istess kien hemm mohbija l-haxixa. Kien ghalhekk li Madbouly talab li jinghata xi oggett biex ikun jista' jkisser l-istess frame u gie ghalhekk provdut b'martell u turnavit. Sussegwentement hu u l-frame gew akkompanjati go van li kellu fih magna tal-X-Ray. Kien f'dan l-istadju li l-akkuzat stqarr li hu kien gie Malta minhabba l-kwistjoni tal- visas.

Mistoqsi jekk hu kienx jaf bir-raza tal-kannabis misjuba fil-frame wiegeb " Kieku ma kontx naqghmel lanqas siegha nistenna l-airport ta' Malta. Kont l-ewwel flight naqbad u tlaqt il-barra, dabbart rasi".

In kontro ezami l-akkuzat qabel li hu fil-konfront tal-passaporti kien fil-fatt se jaghmel business. Meta gie mistoqsi ghala kien se jakkwista visa ghalih ukoll meta hu tant kien insistenti li l-Marokk kellu mara u tfal wiegeb li hu qatt ma kien qal lill-pulizija li kien se japplika ghal visa ghalih. Fil-fatt hu ma qabilx ma' dak li hemm imnizzel fl-istqarrija u cioe li kien se jithallas barra bi flus anke bl-akkwist ta' visa ghalih. Qal li vera Sami kien offrielu li

jakkwista visa ghalih innifsu pero' hu kien wiegbu li ma kellux ghalfejn. Kompla li hu qatt ma kien siefer lejn l-Ewropa bhala zaghzugh u ghalhekk ma kellux ghalfejn jaghmel dan il-pass issa li kellu erbgha u erbghin sena.

Ingab jixhed ukoll Harold Caruana li xehed dwar Masri u n-negozju li kien se jaqghmel mieghu li pero' ma rnexxiex, b'dan pero' li dana Masri kien dahaq bih fis-sens li Caruana kien avvanzalu xi flus u anke sellfu ohrajn u baqa b'xejn. Caruana ddeskriva lil dan Masri bhala sweet talker. Caruana fil-fatt qal li hu qatt ma kien ra d-dokument miktub fuq il-letter head S&H Import and Export, ghalkemm kienet letter head li kienu ghamlu fuq il-computer, pero' din il-kumpanija qatt ma kienet giet registrata u lanqas qatt ma ghamlet xi tip ta' negozju.

Xehed ukoll Sydney Zammit operatur tal-lukanda Taormina Guest House. Spjega li hu kien sar jaf lil Masri meta dan kien qaghad gol- lukanda tieghu. F'okkazjoni minnhom kien anke ghenu ghax kienet intilfitlu l-bagalja u spicca anke sellfu l-flus biex jghix. Zied li kien anke cempillu minn barra u qallu li kien se jibghat ragel ghandu li kellu jroddlu lura l-flus li kien sellfu, talbu pero' li jaghmel tajjeb ghalih ma' l-immigration biex ikun jista' jidhol Malta. Zammit irrifjuta li jaghmel dan.

Zammit ikkonferma li kien Masri li kien ibbukja lil dan ir-ragel fil-lukanda tieghu, fatt dan li hu kien ikkonferma anke ma l-ufficcjali ta' l-immigration. Dan ir-ragel kien spicca tkecca minhabba nuqqas ta' flus. Qal li wara sitt xhur kien rega cempillu dana Masri fejn rega qallu li kien se jibghat ragel iehor bi flus. Dan ir-ragel kien El Madbouly. Kien ukoll l-istess Masri li bbukkja lil dan ir-ragel. Masri kien rega' talbu biex jaghmel tajjeb ghal dan ir-ragel u kien anke qallu li kien se jibghatlu mieghu s-somma ta' elf u hames mitt dollaru meta fil-fatt kellu jaghtih hafna inqas.

Ikkonferma li gie anke mitkellem minn Masri meta Madbouly nqabad l-airport li kien talbu jghin lill-akkuzat

ghax dak li kien qed igorr kien jiswa’ hafna flus u li l-business ta’ Masri kien jistrieh fuq dan l-individwu.

Tista’ tghid li kemm Caruana kif ukoll Zammit xejn ma taw stampa sabiha ta’ dana Masri anzi pingewh bhala con-man tipiku li fil-fatt dahak bihom it-tnejn.

Ikkonsidrat

Tibda l-Qorti biex tiddikjara illi tqis bhala pruvat ir-reat ikkontemplat taht il-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, prova li tirrizula ex admissis min-naha stess ta’ l-akkuzat
.
Kif gia premess l-akkuzat huwa primarjament imressaq fuq reati ikkontemplati taht il-Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta. In ezami tar-reati lilu adebitati huwa pacifiku li jinghad illi l-frame kontenenti ir-raza tal- kannabis ingab hawn Malta mill-akkuzat. Pero’ kull reat addebitat lil Madbouly taht il-Kap 101 espressament jimplika li l-istess akkuzat kien jaf bil-kontenut tal-frame u cioe mhux biss li kien qed igorr frame imma li fih kien hemm raza tal-kannabis li ghalhekk hu kien miftiehem ma’ Masri biex jimporta u konsegwentement jittrafika hawn Malta. Raza tal-kannabis li fl-ammont taghha zgur ma thalli ebda dubju li ma kinitx ghal uzu esklussiv ta’ l-akkuzat.

Min-naha tieghu l-akkuzat kien kategoriku fic-cahda tieghu li hu kellu xi xjenza tal-kontenut tal-frame, tant li kif qal hu stess darba li gie mizmum hawn Malta ghazel li jibqa’ jistenna gimgha l-flight tieghu u ma hax l-opportunita’ lilu moghtija u telaq mal-ewwel. Ta’ tali argument wiehed jista’ jirribati li hu kellu l-konfort li ma’ l-ewwel skrutinju doganali l-frame ma ddetta ebda suspett allura kien mohhu ghal kollox mistrieh.

Il-Prosekuzzjoni anke ssugeriet illi inkwantu Madbouly ma kellux ammont kbir ta’ flus biex sahansitra jhallas il-lukanda u jibqa’ Malta ghal ghaxart’ijiem, li l-frame kellu jkun il-hlas dovut lil Zammit. Issa ghalkemm il-Qorti tasal

biex temmen li xi tip ta’ tahwid ma’ dan Zammit jista’ kien hemm fil-konfront ta’ visi u traffikar ta’ persuni ghall-Italja pero’ s-suggeriment tal-Prosekuzzjoni dwar id-desinatarju tad-droga u x-xjenza ta’ l-istess ta’ l-akkuzat ma ssib ebda hjiel ta’ prova ghajr kongettura. Il-Qorti hija fil-fatt tal-fehma li zgur kien hemm xi intricci ghaddejjin dwar l-ottjeniment ta’ visi ghall-Italja fatt dan imsahhah anke mill-bdil tal-verzjoni ta’ l-akkuzat li l-ewwel fl-istqarrija jghid li kien se jottjeni wahda ghalih u viva voce jirtira minn dana l-punt. Pero’ din il-Qorti ma tistax ma tqisx in kwantu hawn qeghdin fil-kamp kriminali illi verament ma jaghmilx sens il-komportament ta’ l-akkuzat li konsapevoli mill-kontenut tal-frame darba li issa gie mizmum mill-Ufficjali ta’ l-immigration u dwana, ghazel li jibqa’ ghal gimgha hawn Malta u ma hax l-opportunita’ li jitlaq bil-frame b’kollox. Ta’ dan il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni avvanzat it-teorija li l-akkuzat ma riedx jinqabad bi droga go pajjiz iehor bhall-Egittu u l-Libja, tezi din li pero’ tibqa’ hekk u hekk biss. Minn imkien ma gie pruvat jew jirrizulta li l-akkuzat kellu jew ghandu xi preferenza ta’ fejn u f’liema pajjiz ghandu jigi punit tar-reati in konnessjoni mad-droga. Tishaq il-Qorti l-fatt li ghall-akkuzat tali frame, in kwantu ma kien iddetta ebda suspett ma’ l-Awtoritajiet Maltin almenu ghall-ewwel erbat’ijiem, ma kellux ghalfejn jinkwetah daqstant.

Ghaldaqstant, ghalkemm kwalunkwe reat avvanzat taht il-kapitlu in dezamina jinkweta mhux ftit lil din il-Qorti minhabba l-konsegwenzi serji, specjalment il-qerda li ggib maghha d-droga u tqis li t-traffikar ta’ sustanzi narkotici huwa reat mill-aktar dispregjanti, pero’ ma tistax ma tammettix dubju serju dwar ix-xjenza li l-akuzat setgha kellu tal-kontenut tal-frame. Dana tenut kont anke tal-fatt li dana Masri jidher li renexxielu b’xi mod jinvolvi ruhu anke forsi b’ingann ma’ nies li maghhom suppost qed jaghmel in-negozju. Fil-fatt kull suppozizzjoni kontra dana Masri, ma tghin xejn it-tezi tal-Prosekuzzjoni u timmilita favur l-akkuzat. Ghaldaqstant in kwantu jezisti d-dubju hawn premess qeghda tilliberah mill-akkuzi kkontemplati taht il-kap 101.

Issibu hati tar-reat taht il-Kap 61 kif gia premess u dan wara li rat l-artikolu 3 ta' l-istess u qeghda f'dan ir-rigward tikkundanah ghal xahar detenzjoni wara li rat l-artikoli 3 u 10 tal-Kap 61. In vista taz-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest prevetiv qeghda tnaqqas l-istess zmien ta' detenzjoni mill-istess. Ai termini tal-Kap 61 qeghda tiddikjara lill- akkuzat bhala immigrant illegali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------